**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tal-10 ta' Ottubru 2016

Appell Nru: 137/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Keith Arnaud)**

**Vs**

**Jean Pierre Mamo**

***Ommisis***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Jean Pierre Mamo detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 546182M, u *ommisis* quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Gewwa Rahal Gdid fil-perjodu ta' bejn l-1 u l-10 ta' Settembru 2010, ikkommettew serq minn gewwa l-power station l-antika li tinsab gewwa l-Qasam Industrijali ta' Kordin, Rahal Gdid, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi 2329.37 euro, kif ukoll bill-mezz u bi vjolenza, u dan sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija EneMalta Corporation u/jew persuni ohra;

2. U iktar talli gewwa Rahal Gdid nhar is-16 ta' Settembru 2010 ghall habta tat-8.00 ta' filghaxija, assocjaw ruhhom bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta u cioe` delitt ta' serq ta' cables mill-imsemmi post cioe` il-power station l-antika li tinsab fil-Qasam Industrijali Kordin u dan ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija EneMalta Corporation u/jew persuni ohra, liema delitt huwa punibbli b'piena ta' prigunerija u m'huwiex delitt taht l-att dwar l-istampa;

3. Jean Pierre Mamo wahdu talli f'xi hin bejn 1-4 ta' Settembru 2010 u s-6 ta' Settembru 2010, ikkommetta serq ta' cable u pajpijiet tar-ram minn gewwa bini taht kostruzzjoni li jinsab fi Triq L-Abate Rigord, Ta' Xbiex, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi 2,329.27 euro, u dan sar ghad-detriment ta' Aaron Attard u/jew persuni ohra.

*Ommisis* wahdu talli:

Kiser il-provvediment tal-Probation a tenur tal-Artikolu 7(5) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dott. Jacqueline Padovani LL.D. datata 2 ta' Settembru, 2010, u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Il-Prosekuzzjoni talbet, sabiex fil-konfront ta' Jean Pierre Mamo wahdu, f'kaz ta' sejbien ta' htija, il-Qorti, titratta lill-imputat bhala li sar recediv ai terminu tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li huwa gie misjub hati permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Magistrat Dott. Saviour Demicoli LL.D., nhar is-16 ta' Gunju 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 ta' Marzu, 2014, fejn wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 48A, 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 263, 264, 265, 267, 276, 278, 279(b), 280(2) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputati *ommisis* u **Jean Pierre Mamo** hatja tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrihom u fuq ammissjoni kkundannat

lil **Jean Pierre Mamo** zmien ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija u lill ommisis **g**hal zmien sitta u ghoxrin (26) xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jean Pierre Mamo, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' April, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu tas-sejbien ta' htija fir-rigward tal-akkuzi fejn instabet htija, tvarjaha in kwantu l-piena, billi minflok il-piena nflitta tissostitwixxi ghal istess piena, piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern fic-cirkostanzi u r-realtajiet partikolari tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appell interpost mill-appellant huwa limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti anke jekk dan mhux espress b'mod daqshekk car fir-rikors tal-appell. L-appellant jikkontendi illi l-imputazzjonijiiet mertu tas-sentenza li biha inghata prigunerija effettiva jirrisalu ghal tlett snin u nofs ilu [allura hames snin sakemm instemghu dawn l-appelli] mill-liema zmien l-appellant ghamel kambjamenti pozittivi fil-hajja tieghu u jimmerita illi jinghata l-opportunita' li jibqa' jsegwi t-triq it-tajba li qabad;

2. In rigward irid jinghad u jkun riaffermat minnufih illi m' huwiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm

din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata (ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza ricenti Ir-Repubblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015). Fil-kaz hawn skrutinat ma hemm l-ebda dubju illi l-piena kominata fir-rigward taz-zewg appellanti tirrientra sew fil-parametri tal-ligi u sabiex ikun inghad kollox l-appellanti inghataw piena prattikament fil-minimu taghha;

3. Opportunament jinghad ukoll, anke ghall-kompletezza tal-kwadru rigward kif jahsbuha l-Qrati taghna dwar bdil fil-piena erogata, din l-istess Qorti diversi drabi ghamlet rikors, anke jekk b'kawtela, ghall-cirkostanzi li jistghu jaghtu lok ghal-mitigazzjoni. Fis-sentenza il-Pulizija vs George Farrugia moghtija minn din il-Qorti fit-18 ta' Jannar 2001 kienet kontemplata *a window of opportunity* fil-hajja kriminuza tal-appellat li kien inghata ordni ta' Probation mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) dwar imputazzjoni ta' pussess ta' droga u tal-addebitu ta' recidiva. L-Appell interpost mill-Avukat Generali ghal-piena ta' prigunerija u multa kien michud minn din il-Qorti diversament preseduta meta kienet konvinta li kien hemm xaqq ta' dawl li l-appellat jibdel hajtu. Dan il-gudikat baqa' jkun segwit mill-Qrati f'kazijiet fejn hu verament meritevoli;

4. Issa l-appellant ma kienx frivolu fit-talba tieghu meta qal li qieghed jaghmel minn kollox sabiex isib t-triq it-tajba u fuq talba tieghu l-Qorti ordnat li ssir evalwazzjoni tac-cirkostanzi kollha li jiccirkondaw il-hajja tal-appellant u dan minn Probation Officer li hejja rapport dettaljat in rigward. Jemergi minn dawn ir-rapport fattur li l-Qorti ma tistghax ma tqis bhala passi possitivi li certament huma lodevoli fil-konfront tal-appellant. Fir-rigward tal-appellant Jean Pierre Mamo, temergi trobbija verament ta' dbatija u traumatika liema trobbija kellha effetti negattivi hafna fil-hajja adulta tieghu.

Huwa evidenti ukoll certu nuqqas ta' stabilita' fir-relazzjonijiet ma' nisa f'hajtu mill-liema kellu ulied. Madanakollu, l-appellant qatt ma kellu l-vizzju tad-droga, xorb jew vizzju iehor. Minkejja ukoll l-isfortuna fl-edukazzjoni skolastika tieghu, jidher li l-appellant ghamel perjodi twal ta' hajtu fl-impjieg izda wara li skonta xi zmien il-habs sabha difficli jerga' jsib xoghol u anke hawn irnexxielu johrog vincenti b'sejbien ta' xoghol *full time* flimkien ma' iehor *part time.* Ir-rakkomandazzjoni tal-Probation Officer f'dan il-kaz takkludi dik li l-appellant jkun ordnat jattendi ghall-sessjonijiet ma'psikologa sabiex ikun jista' jitkellem u jahdem fuq it-trawmi li ghadda minnhom fil-passat;

5. Minn ezami akkurat tar-rapport jemergi illi l-appellant huwa kandidat tajjeb ghall-temperament fil-piena anke jekk dan huwa eccezzjoni ghan-normalita' kif spjegat *supra.* Wara li l-Qorti hasbet fit-tul dwar l-ahjar mod kif titratta mal-appellant bil-kfief tal-mizien quddiemha, fuq naha, l-interessi tas-socjeta' u fuq naha ohra dawk tal-appellant, lesta li terga' taghti lill-appellant l-opportunita' li jirriforma ruhu b'dan illi ghandu jifhem illi s-success ghall-din l-opportunita' tinsab biss f'idejh, irid jibza' ghaliha b'mod skrupluz sabiex maz-zmien jerga' jkun meqjus bhala cittadin denju fis-socjeta'. Qieset ukoll illi din l-opportunita' inghatat lil hatjin b'fedina penali ferm u ferm aktar raffretarja minn dik tal-appellant odjern u ghalhekk jimmerita li jkun hemm varjazzjoni fis-sentenza appellata. Ghalhekk ukoll jezistu l-elementi ravvizati fil-proviso tas-subartikoli (b) u (c) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446.

6. Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' t-talba tal-appellant u <u>tirriforma</u> s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, <u>tvarjaha</u> inkwantu kkundannat lill-Jean Pierre Mamo ghal-terminu ta' prigunerija ta' 18-il xahar u minflok tordna fil-konfront

tieghu il-hrug ta' Ordni ta' Probation fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta u dan ghal-terminu ta' tlett snin li jibda jiddekorri millum. Fil-konfront ta' Jean Pierre Mamo l-Probation Officer li ser ikun assenjat ghal dan il-ghan, ghandu jew ghandha l-fakolta' li tissoggettah ghal-viziti ghand psikologu/a fil-frekwenza li jidhirlu/jidhrilha xieraq u dan bhala parti mill-kondizzjonijiet li talvolta jistghu ikunu imposti mill-istess Ufficcjal tal-Probation skond il-Kap 446. Inoltre ukoll, l-Probation Officer hekk assenjat ghandu jirraporta lil-din il-Qorti bl-andament tal-appellant kull sitt (6) xhur.

7. Il-Qorti spjegat lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza kif ukoll l-obbligi tieghu li joqghod ghal-kull ordni u kondizzjoni li jista' jimponi fuqu l-Probation Officer skond il-ligi.